MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 910/2009

**V & C Contractors Limited (C 13748).**

**vs**

**Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat 22 ta' Settembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-Awtorita` konvenuta fl-ammont ta' mija wiehed u ghoxrin elf tmien mija hamsa u hamsin ewro u hamsin centezmu (€121,855.50) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut mill-Awtorita` konvenuta lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' xoghol imwettaq mill-istess socjeta` attrici senjatament "Construction of Road - Mosta North Ring

Road", in ezekuzzjoni ta' *tender* mirbuh mis-socjeta` esponenti u liema *tender* igib ir-referenza CT 2210/2000, RD 209/00, L/A 378/00, u dan kif jirrizulta mill-anness *final bill* u prospett (Dok. 'VC 1' u 'VC 2').

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess attrici, il-konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2009, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

5. Illi kif diga` premess, ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2009, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikoli 167** sa **170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mija wiehed u ghoxrin elf tmien mija hamsa u hamsin ewro u hamsin centezmu (€121,855.50) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut mill-Awtorita` konvenuta lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' xoghol imwettaq mill-istess socjeta` attrici senjatament

"Construction of Road - Mosta North Ring Road", in ezekuzzjoni ta' *tender* mirbuh mis-socjeta` esponenti u liema *tender* igib ir-referenza CT 2210/2000, RD 209/00, L/A 378/00;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2009, *oltre* l-imghaxijiet legali sal jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socejta` rikorrenti a fol. 5 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2009 .

Rat li l-awtorita’ intimata dehret fil-kawza u deher ghaliha Gordon Zammit assistit minn Dr. Ivan Gatt li ssottometta li hija ddikjarat li ghandha eccezzjonijiet x’taghti fis-sens li ghandu jitharrek ukoll id-Direttur tal-Kuntratti peress li huwa parti mit-*tender* in kwistjoni u anke *stante* li l-ammont mitlub jirrigwarda *variation works* li skont l-istess kuntratt ghandhom jigu approvati mid-Direttur tal-Kuntratti. Gordon Zammit bhala rapprezentant tal-ADT ikkonferma, u dan bil-gurament tieghu, li l-*extra works* gew ordnati mill-istess awtorita’ u filfatt gew esegwiti mis-socjeta’ attrici.

Rat li Vincent Borg, rapprezentant tas-socjeta` attrici, ikkonferma li l-ammont ghadu sallum kollu dovut.

Illi l-Qorti rat l-atti kollha u fid-dawl tal-istess thoss li l-awtorita` intimata ma pprovatx *prima facie* li ghandha eccezzjoni x’taghti u wkoll ma gabitx fatti u punti legali tali li jitqiesu li jkunu bizzejjed  sabiex jaghtiha jedd biex topponi ghat-talba atturi, u fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili;

Tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-awtorita` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------